# ID-DGĦAJJES TRADIZZJONALI MALTIN

## It-Tieni Taqsima

Joseph Muscat

**F'din it-tieni taqsima se naraw għadd ta' bċejjeċ tradizzjonali Maltin li bosta minnhom għebu mill-ibħra tagħna. Xi wħud minnhom, bħal-luzzu, l-kajjikk, tal-latini, u l-ferilla tas-sajd kienu mibnijin b'saħħithom ħafna b'injam oħxon, waqt li d-dgħajsa tal-pass kienet ħafifa u marbuta mas-servizz tal-passiġġieri. F'din it-tieni taqsima se niltaqgħu ma' għadd ta' bċejjeċ oħra tat-tagħbija, tas-sajd u xogħol ieħor.**

Meta tqabbel dawn il-bċejjeċ, ngħidu aħna l-luzzu, il-kajjikk u tal-latini ma' oħrajn f'pajjiżi oħra tara li jużaw kważi l-istess ħxuna ta' njam. Barra minn Malta l-injam jiġihom orħos iżda f'Malta tinduna kemm ix-xogħol tal-karpinterija hu ferm mirqum u jiffittja wisq tajjeb ma' xulxin.

**L-ixprunara**, jew id-dgħajsa li kienet taħdem bejn il-gżejjer Maltin u issa m'għadiex teżisti, baqa' biss xi stampi tagħha. Fi kwadru wegħda tal-1778 li jinsab fis-Santwarju Tal-Ħerba Birkirkara tidher din l-ixprunara jew id-dgħajsa t'Għawdex. Kellha qlugħ tarkija u ma kenitx tkun armata b'tinda fil-poppa għall-passiġġieri. Din l-ixprunara kienet għal kollox tixbah lil ixprunara l-oħra tat-tagħbija u li kienet tbaħħar *mal*-Mediterran kollu.[1] Sidien Maltin tal-ixprunara għamlu ħafna flus fil-gwerra tal-Krimea billi kienu joffru għall-bejgħ affarijiet żgħar lis-suldati li ma kienux isibu hemm ngħidu aħna xi biċċa ċikkulata, ħelu, xi sapuna, larinġ u lumi, terra, te, kafe u l-bqija. F'dawk is-snin tal-1856 sa ma spiċċat il-gwerra, padruni tal-bċejjeċ tal-merkanzija saru sinjuri, u kont tarahom bil-pipa li kien ikollha kuperċ tad-deheb. Tassew li dak kien żmien tad-deheb għall-kaptani Maltin.[2]

**Id-dgħajsa tal-latini** ħarġet mill-ixprunara u meta dik ħarget 'il barra mill-istorja ta' Malta, tal-latini bdiet taħdem regolari bejn Malta u Għawdex. Din ħadet l-isem tagħha mill-għamla ta' qlugħ li kienet tuża; biż-żmien il-qlugħ tawluh min-naħa t'isfel tiegħu u sar teknikament magħruf bħala *settee* għalkemm id-dgħajsa baqgħet tissejjaħ tal-latini. Din id-dgħajsa kbira li tista' tissejjaħ ukoll tax-xogħol kellha storja kbira; illum spiċċat, għalkemm baqa' l-aħħar waħda s-*Sacra Famiglia* li ġiet irrestawrata u se tkun għall-wiri. F'Marsaxlokk hemm tnejn oħra li kienu wżati għas-sajd iżda qegħdin għall-bejgħ. Meta kont tarahom tnejn tnejn ħerġin minn Għawdex fi triqithom lejn Malta kien fihom għaxqa tarahom jiggariġġaw bejniethom min jidħol l-ewwel fil-Port il-Kbir. Kienu jiġu Malta mgħobbijin bil-ħxejjex, frott u bajd u jgħabbu lura lejn Għawdex affarijiet manufatturati, luminata, birra u x'naf jien. Darba nara merħla sħiħa ta' mogħoż tiela' fuq tal-latini u trakkijiet sħaħ ta' merkanzija. Ir-rapprezentant ta' Lloyds f'Malta kien jispezzjona dawk id-dgħajjes biex joħroġ il-liċenzja addatata għalihom, ngħidu aħna ta' 30 tunnellata, iżda padrun li jkun jaf sew id-dgħajsa tiegħu x'issarraf ġieli għabba hekk li kważi l-bardnell ikun imiss mal-ilma.

Ukoll fil-gwerra li għaddiet id-dgħajsa tal-latini baqgħet tagħti s-servizz tagħha. Sal-1970 kienet għadha tidher xi ftit fil-Port il-Kbir iżda sa dak iż-żmien kienet tuża l-magna u mhux il-qlugħ. Il-familja Caruana mill-Kalkara iżda li fil-bidu tal-gwerra marru Għawdex minn dejjem kienu magħrufin għall-bini tad-dgħajsa tal-latini. Biż-żmien dawn id-dgħajjes bdew jinbnew Ġela fi Sqallija għax kienu jiġu irħas hemm iżda jintgħarfu għax ir-rota tal-pruwa tkun xi ftit imxengla 'l barra.

**Il-luzzu** llum hu miżmum bħala d-dgħajsa prinċipali tas-sajd iżda mhux dejjem kien hekk. Fost il-bċejjeċ tradizzjonali Maltin il-luzzu kien l-aħħar li daħal fl-istorja tal-baħar ta' Malta. Qablu kien hemm il-kajjikk u l-ferilla, il-frejgatina u oħrajn. Dan ġara li għall-ħabta tal-aħħar tas-seklu dsatax hawn Malta kienu jidħlu kważi kuljum speċjalment fi żmien it-tonn, il-*gozzi* Naplitani u Sqallin. Sal-1920 inbnew xi luzzijiet influwenzati mill-*gozzi* Taljani iżda meta fl-1921 tpoġġew l-ewwel magni fuqhom, ħadu l-fama tajba mas-sajjieda. Minn dak iż-żmien il-luzzijiet bdew jiżdiedu għax kienu jinbnew b'saħħithom, biex jieħdu magna jew tnejn *inboard*. Sal-1958 liċenzja għal luzzu kienet immarkata bħal *gozzo*, wara *gozzu*, u mbagħad luzzu.[3]

**Id-dgħajsa tat-trasport** kienet qisha luzzu wkoll u kellha erba' qaddiefa. Kont taraha taqsam min-naħa għal oħra tal-Port mgħobbija bil-merkanzija. Caruana Dingli juri f'waħda mill-akkwarelli tiegħu din id-dgħajsa tat-trasport b'erba' qaddiefa fuqha.

**Il-*bumboat* tal-gadraj** kien tista' tgħid luzzu tat-trasport. Mela, kien hemm neguzjanti madwar il-Kottonera u x-xatt tal-Belt li kienu jfornu bl-ikel l-iżjed lill-bastimenti tal-passiġġieri għax dawk tal-gwerra Ingliżi kellhom servizz tal-forniment ta' affarijiet tal-ikel għalihom. Neguzjant, bl-edukazzjoni kollha, kien jitlob permess biex jitla' fuq bastiment u jistaqsi xi jkun hemm bżonn ta' affarijiet tal-ikel qabel ma jsalpa minn Malta. Kienu jinxtraw kwantitajiet kbar ta' patata, basal, ħaxix tal-kċina, frott, zokkor, te, kafe u bosta affarijiet oħra primarji meħtieġa mill-kok t'abbord. Kien isir ħafna qligħ għan-neguzjant li kien ikollu mħażen mifruxin max-xatt tal-Belt u nħawi oħrajn. Il-*bumboat* kienet tkun attrezzata biex tieħu ammonti kbar ta' provizjon li kien jitwassal fuq bastiment skont il-ftehim li jkun sar.

**Il-ferilla tas-sajd** kienet popolari wisq mas-sajjieda sa ma daħal fl-użu l-luzzu. Wieħed kien jagħraf

---

[1] Għal tagħrif fit-tul ara Muscat, J., *The Xprunara*, (Malta, 2000), passim.

[2] Is-*Sacra Famiglia* varawha fl-1934, ara NAR RBs, 121 izda s-*Sacra Famiglia* G32 irregistrawha fl-1-1-1930.

[3] NAR RPB, 17-3-1959, licence no.S.335.

ferilla mill-bogħod billi kellha r-rota tal-pruwa għolja ħafna. Meta tħares sewwa tinduna li ferilla kienet tixbaħ lid-dgħajsa tal-pass iżda dina kellha l-għoli mill-bardnell sal-livell tal-ilma iżjed baxx minn dak ta' ferilla. Billi kienet użata ħafna għas-sajd kellha l-falki jinqalgħu meta meħtieġ mill-makkarunetti tagħhom biex is-sajjieda jkunu jistgħu jaħdmu aħjar meta jkalaw xibka fil-baħar. Il-ferilla kellha żewġ imqadef jew erbgħa u kienet armata wkoll biex tieħu qlugħ tarkija. Din il-ferilla kienet wisq iżjed tqila u goffa minn dik tal-passiġġieri li kienet taħdem bejn il-Birgu u L-Isla fis-seklu tmintax. Illum forsi għad baqa' l-aħħar sitt ferilli tas-sajd li żidulhom kabina fin-nofs biex ma ngħidx ukoll li saret xi waħda tal-*fibreglass*. Biex wieħed ikun jaf kemm il-ferilla tas-sajd kienet popolari jara kemm ġew ippubblikati kartolini tagħha.

**Il-kajjikk** minn dejjem kien iżejjen il-Port il-Kbir b'ħidmietu u wżat għal kull xogħol f'kull bajja tal-gżejjer Maltin. Tant kien użat kullimkien li daħal bħala idjoma fil-Malti meta tgħid: 'Qisu kajjikk' għal wieħed li jaqdi lil kulħadd.[4] Kont qed nintervista lil Spiru Toscano u ħareġ b'żewġ kelmiet tassew interessanti; kajjikkata u barkata biex ifisser ammont ta' njam li tista' tgħabbi fuq kajjikk jew barka; din mit-taljan *barca*. Kajjikk kif kien fi zmien il-kavallieri kellu pruwa bil-ponta u ċappa fil-poppa; din kienu jżidulha l-aletti għas-saħħa. Kienu jibnuh ta' saħħa mħabba x-xogħol u tiskanta tara kartolini antiki ta' xi wieħed żgħir ħafna mgħobbi sa ruħ ommu fi triqtu jaqsam il-Port il-Kbir. Il-kajjikki l-kbar bħal dawk li darba kont tara f'Wied iż-Żurrieq kien fihom għaxqa taraħom ħerġin għas-sajd bihom; illum kollha spiċċaw. Il-kajjikk tal-gangmu kellu l-pruwa u r-rota tiegħu baxxi għax kien magħmul biex tnejn tnejn ifittxu l-faħam li jkun waqa' fil-baħar meta bastiment ikun qed jieħu l-faħam abbord qabel ma jsalpa minn Malta. Bejnietna din; kien ikun hemm il-ftehim mal-ħaddiema tal-faħam biex huma u telgħin il-planka għal fuq il-bastiment b'ċaqlieqa żgħira iżda ħafifa li bilkemm tinduna biha jaqa' xi ftit faħam mill-bixkilla li jkun qed iġorru fuq spallithom. Kien hemm ukoll il-kajjikk tal-lampara li kien iġorr dawl qawwi fuq il-poppa għas-sajd ta' matul il-lejl. Fil-kartolini antiki wieħed jista' jara wkoll il-kajjikk tal-kopp attrezzat apposta għal dak it-tip ta' sajd. Mur ifhem jekk tista' tisma' min jirreferi għall-kajjikk miġbud l-art jgħid li dak kien ikun aħjar kieku kellu pied ieħor tul. Dawn ikunu nies li jafu jaraw u midħla tal-bini tal-opri tal-baħar.

**Frejgatina** magħmula mill-Guli kienet tkun sabiħa wisq; hemm min kien isejjħilha s-sinjorina tal-opri tal-baħar Maltin. Dawn inbnew ħafna minnhom sew għall-familja, għas-sajd u sew għall-passatemp. Frejgatina bħal kajjikk kellha pruwa bil-ponta u poppa biċ-ċappa. Barra żewġ bankijiet, frejgatina kellha oħrajn iduru mal-parti tal-poppa. Tara waħda tinbena tiskanta kemm jidħlu rqaqat. L-aħħar waħda li rajt kienet dik ta' Karmenu Darmanin mill-Birgu u taraħ ipoġġi l-għeluq f'postu, isaħħan l-injam biex jitgħaweġ sew mal-qafas u jżid 'l hawn u 'l hinn xi lembut biex iżomm il-linja jew il-fil tal-għeluq f'postu. Illum iżidu xi magna żgħira għall-mixi għalkemm fl-antik l-iżjed li kienu jaħdmu kienu l-imqadef. Kien hemm żmien wara l-gwerra meta l-frejgatini tat-tiġrija ta' qlugħ latin kienu jgħaxxqu l-Port il-Kbir u l-bajja ta' Birżebbuġa minn fejn ġieli kienu jitilqu. Il-frejgatina tal-qlugħ l-Ardita minn jaf kemm-il darba ħadet l-ewwel; illum tinsab fil-Mużew Marittimu ta' Malta.

Il-frejgatina ta' Għar Lapsi jew tal-*Blue Grotto* żviluppat imħabba t-turisti Ingliżi iżjed minn oħrajn, li wara l-aħħar gwerra kienu jħobbu jżuru dak il-post magħruf bħala Taħt il-Ħnejja. Fi ftit żmien Wied iż-Żurrieq inbidel minn post tas-sajjieda għal wieħed tat-turisti. Il-frejgatina l-kbira ta' sittax-il pied saret iżjed popolari mil-luzzijiet u l-kajjikki li kienu jaħdmu hemm. Kull frejgatina tal-*Blue Grotto* kellha tmunier u raġel ieħor għas-servizz tat-turisti, żewġ imqadef, *life jacket* għal kull passiġġier li jġorr, sasla biex jiggottaw l-ilma meta meħtieġ, barmil, iċ-ċilindru għat-tifi tan-nar u kaxxa bir-ramel. M'hemmx għalfejn wieħed jgħid li l-frejgatina tal-*Blue Grotto* kienet mibnija b'saħħitha ħafna, kellha magna u setgħet iġġorr sa tmien passiġġieri.

**Il-frejgatina tal-kraten** kienet waħda fi klassi għaliha u llum ma tara waħda mkien. Din kellha n-nofs ta' quddiem qisek qed tara frejgatina u wara jispiċċa qisha kajjikk bil-kraten b'kollox. Min jaf kif bdiet iżda żgur li ma kienx hemm ħafna minnha.

**Il-baqqa** kienet għamla ta' dgħajsa tal-qlugħ iżda llum m'għadhiex teżisti; ma baqgħux jinbnew. B'xorti tajba mudell ta' waħda minnhom illum jinsab fil-Mużew Marittimu ta' Malta. Kellha għamla ta' qlugħ imsejjaħ muger (sic) li qatt ma sirt naf kif seta' kien; in-nies tal-Kottonera qishom insew kif kien.

**Il-papuċa** kienet għamla ta' dgħajsa oħra tal-qlugħ tal-klassi tal-baqqa. Billi kienet merfugħa sew minn quddiem u minn wara hemm min rabat in-nomenklatura tagħha ma' papoċċ tat-Torok.[5]

**L-iskiff** li ħareġ minn dak Ingliż u dan kien ikun wieħed mill-ħafna bċejjeċ tal-baħar li kienu jġorru magħhom il-bastimenti tal-gwerra Ingliżi. L-iskiff Malti kellu l-ponta poppa u pruwa, bħal tamburett żgħir fil-pruwa, bank fin-nofs biex jorbot il-ġnub flimkien u kien ħafif ħafna fil-mixi. Sirt naf li kien użat ħafna għas-sajd tal-kaħli jew biex bih jilħqu xi barkun tan-Navy li jkun mgħobbi bl-imbarazz għar-rimi barra l-*breakwater*. Waqt li żagħżugħ jaqdef b'saħħtu kollha sieħbu jkun ħafif u lest biex jaqbeż għal fuq il-barkun biex jara xi jkun hemm jiswa għalih. Mod ieħor kif żagħżugħ kien idabbar xi ħaġa tal-flus kien li jaqdef bl-iskiff lejn xi bastiment tal-passiġġieri jew xi wieħed tal-gwerra u waqt li hu jibbilanċja l-iskiff, tifel li jkun miegħu u jkun għawwiem tajjeb jistenna lil xi ħadd li jwaddab xi ħaġa tal-flus fil-baħar għall-għajjat ta' '*Penny Joe*' u hu jkun pront jogħdos qabel mal-munita tispiċċa fil-ħama ta' qiegħ il-baħar. Illum baqa' forsi l-aħħar skiff u jinsab fix-Xewkija l-Kalkara.

**Il-wejla**, opra oħra tal-baħar li llum għebet mill-ibħra Maltin, tnisslet

---

[4] Serracino Inglott, s.v. Kajjikk.

[5] Aquilina, s.v. Papuca.

mill-*whaler* Ingliż li kien marbut dejjem ma' xi bastiment tal-gwerra Ingliż. L-aħħar waħda, forsi li baqa', qiegħda fil-Mużew Marittimu ta' Malta u hi opra bil-ponta poppa u pruwa. Kienet użata għas-sajd dejjem qrib ix-xatt u kellha żewġ imqadef, tamburett żgħir fil-poppa u fil-pruwa u bank fin-nofs. Meta tiftakar li ġieli kien hemm wejla b'tul ta' sitt piedi biss ikollok tgħid li kienet hemm biex tintuża bħala passatemp iżda xorta waħda kienu jirreġistrawha biex jagħtuha n-numru tal-liċenzja.

**Il-gigg** jew **gikk** kien jixbaħ lil frejgatina iżda kien idjaq minnha. Kellu dak li qisu tamburett fil-pruwa, żewġ bankijiet u bank ieħor maċ-ċappa li kienet iżgħar ħafna minn dik ta' frejgatina. Il-gigg ħareġ minn sieħbu Ingliż u kien hemm għax-xogħol, għal xi qadja fil-Port, għas-sajd tad-dilettanti u biex wieħed jinqeda bih biex iwassal lil xi ħadd mix-xatt għal xi opra kbira li tkun marbuta f'nofs ta' bajja.

**Il-bagħal tal-gigg** kien għal kollox bħall-gigg iżda xi ftit ikbar u b'saħħtu u kien iżjed joqrob lejn it-tul ta' frejgatina. Illum ma tarax bagħal ta' gigg imkien għalkemm għadek tista' tara xi gigg 'l hawn u 'l hinn. Bagħal ta' gigg kien jintuża għat-trasport iżjed milli għal xi ħaġa oħra billi kien xi ftit tqil fil-mixi.

**Il-gigg tat-tiġrija** kien tassew opra oħra mill-isbaħ tal-imgħallmin speċjalment Pule li saħansitra biegħ xogħlijiet tiegħu f'Ġibilta u f'Iżrael. Id-disinn tiegħu hu ibbażat fuq sieħbu l-Ingliż li kont taraħ fuq bastimenti tal-gwerra tagħhom. Dan il-gigg tat-tigrija kellu ponta fil-pruwa u ċappa fil-poppa u kien jintuża mill-Forzi Armati ta' Malta, l-Universita, is-Servizz Ċivili u xi banek lokali għat-tiġrijiet tagħhom.[6] Kien twil sittax-il pied b'wisgħa ta' erba' u jieħu sitt qaddiefa u tmunier. B'xorti tajba fil-Mużew Marittimu ta' Malta hemm wieħed esibit; dawn m'għadhomx jinbnew iżjed.

**Il-bimbu** daħal fl-istorja tad-dgħajjes ta' Malta dan l-aħħar iżda ma nafx kif! X'aktarx li jaf il-bidu tiegħu minn xi opra Taljana u jidher li ma kienx popolari mas-sajjieda Maltin. Jidher li l-bimbu daħal Malta f'xi l-1960 meta deher imsemmi għal ewwel darba f'dokument uffiċċjali. Il-bimbu kien bil-ponta poppa u pruwa u kellu tmun. Kellu bħal tamburett fil-poppa u kamra taħtha, żewġ bankijiet, mibni b'saħħtu u bir-rota tal-pruwa kemm xejn imxengla 'l quddiem. Illum għadek tista' tara xi wieħed Marsaxlokk iżda m'għadhomx jinbnew iżjed.

**Id-dingi** kien opra oħra li ħareġ minn dak Ingliż, dgħajsa oħra li kienet tkun fuq xi bastiment tal-gwerra Ingliż. Id-dingi kien opra żgħira għal xi xogħol ħafif fil-Port. Fil-Mużew Marittimu ta' Malta għadek tista' tara forsi l-aħħar eżempju ta' dingi. Kellu ponta fil-pruwa u ċappa fil-poppa, żewġ imqadef, bank fin-nofs, tamburett żgħir fil-pruwa u bank ieħor maċ-ċappa u tmun. Xi whud minnhom b'tul ta' sitt piedi biss kienu hemm għall-passatemp jew għat-tfal biex jgħaddu ż-żmien jilagħbu fuq wieħed minnhom f'xi baħar baxx.

**Ix-xieru** ta' origini Sqallija kien jintuża fit-tunnara għall-qbid tat-tonn. Kien fih mill-inqas 60 pied tul b'tamburett b'saħħtu poppa u pruwa. Tliet bankijiet fin-nofs u ma' ġenb wieħed kien hemm bħal kaxex fejn fihom kienu jidħlu sa qaddhom in-nies tat-tunnara biex huma u jtellgħu 'l fuq ix-xibka l-kbira jew l-istess ton meta jkunu fil-kampin jew il-kamra tal-mewt ma jinbeżqux 'il barra fil-baħar. Kellu tliet imqadef kull naħa u l-qaddiefa kienu jaqdfu bil-wieqfa u jħarsu 'l quddiem. Ħasra li ma' baqa' l-ebda ħjiel tax-xieri ħlief xi ritratti.

**Il-barkazza** marbuta max-xieru kienet għamla ta' frejgatina goffa u b'saħħitha ħafna. Kellha tamburett żgħir fil-pruwa, tliet bankijiet fin-nofs u ieħor maċ-ċappa. Bejn it-tieni u t-tielet bank kellha armat imradd b'saħħtu ħafna li kien jilħaq min-naħa għal oħra. Bih kienu jtellgħu x-xibka b'ħabel li kien jgħaddi minn fuq tarjola ingastata fir-rota tal-pruwa. Kont tara l-barkazza f'nofs il-kampin bil-padrun jew ir-rajjes tat-tunnara fuqha biex imexxi x-xogħol kollu. Spiċċat it-tunnara u magħha għebu x-xieru u l-barkazza.[7]

**Id-dgħajsa tal-bdot** jew tal-*pilot* ma kenitx differenti wisq minn waħda tal-pass ħlief li kienet tinbena b'saħħitha wisq iżjed billi ħafna drabi kienet toħroġ barra l-*breakwater*. Wieħed jista' jara l-aħħar waħda fil-Mużew Marittimu ta' Malta miżbugħa ħadra u bl-ittra P fuq il-mustaċċ tal-pruwa; fl-antik kienu jiktbu *PILOT BOAT* b'ittri kbar fuq il-pruwa tad-dgħajsa.[8] Kellha erba' imqadef u żewġ qaddiefa apposta barra li kienet iġġorr il-*pilot* jew bdot u l-assisent tiegħu. Meta hekk meħtieġ kienu jirmunkaw xi bastiment żgħir u biha wkoll iniżżlu xi ankra fejn meħtieġ kif jitlob kaptan ta' bastiment. Ta' min isemmi li l-linja tal-baħar *P&O* kellha d-dgħajsa tal-*pilot* tagħha apposta.[9]

**Id-dgħajsa tad-*Dockyard*** kienet tixbaħ ħafna lil waħda tal-pass. Mudell ta' dgħajsa bħal din jinsab esibit fil-Mużew Marittimu ta' Malta. Kien hemm sitta minnhom biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jaqsmu minn *dock* għal ieħor b'ħeffa kbira. Kellha żewġ imqadef, it-tinda u bank għal arblu għal meta kien ikun meħtieġ li tarma wieħed bil-qlugħ. Kienet miżbugħa blu skur sal-livell tal-ilma b'faxxa safra mal-bastun. Min-naħa ta' ġewwa u taħt l-ilma kienet miżbugħa bajda. B'xorti tajba il-Mużew Marittimu ta' Malta akkwista forsi l-aħħar waħda li kien għad baqa' fid-*Dockyard* qabel m'għalqet.

**Il-gondla** kienet għamla ta' dgħajsa iżda b'karatteristiċi ta' bini stil Ingliż u ma kellha x'taqsam xejn mal-gondla Venezjana. Fil-Mużew Marittimu ta' Malta ssib mudell antik ta' gondla bir-roti spirali għat-tond u forsi għalhekk laqqmuha gondla. Iċ-ċinet man-naħa t'isfel tat-tappiera huma doppji u b'saħħithom biex jilqgħu xi daqqiet meta gondla tħokk ma' moll. Il-gondla kienet tintuża minn irjus kbar bħalma kien il-gvernatur, l-ammirall, it-tabib

[6] Serracino, vol. 1, 54 u vol. 3, 98.

[7] Hajr lil Alfred Vella ghat-taghrif li ghaddieli.

[8] MGG 1893, notice no. 204; ara wkoll PL 1883, xvii as amended by 230.

[9] NAR CD, D14, 544; ib id., F10, 79v; MGG 1897, 97, notice no. 43.

principali tal-Port u uffiċjali oħra għoljin. Il-gondla ġeneralment kienu jaqdfuha tliet baħrin u kellha tmunier li kien iħaddem tmun tip ta' wieħed bil-madmad.

**Il-gondla tal-ammiral supretendent** kienet xorta oħra u probabbli kienet titħalla biss għaċ-ċerimonji uffiċjali tal-ammirall. Din il-gondla - u kienu jgħidulha hekk għax kienet tintuża biss għal xi ċerimonji - kellha għamla ta' dgħajsa tal-pass bir-roti twal, tinda għall-passiġġieri, tmun mal-poppa u żewġ waqqafiet tal-ħadid kull waħda qrib ir-roti biex magħhom jistiraw tinda. Kellha tliet qaddiefa, tamburett fil-pruwa u fil-poppa, żewġ bankijiet u fuqhom korsija li tilħaqq mill-ewwel bank tal-passiġġieri sat-tamburett tal-pruwa; jidher li kienet attrezzata biex meta meħtieġ jarmawlha arblu għall-qlugħ. Ta' min jinnota li bħal fil-każ tal-gondla l-oħra l-imqadef kienu jaħdmu ġo furketta tal-ħadid tip Ingliż u mhux jintrabtu bi stropp ma' skalm.

**Il-barkun tat-tagħbija** għosfor ukoll mix-xena tal-Port il-Kbir. Ġieli kien hemm gruppi ta' ħamsin ħamsin ta' kumpaniji differenti[10] u llum ma baqax wieħed biex jirrakkonta l-istorja tiegħu. B'xorti tajba baqa' xi mudelli professjonali li huma xogħol ta' Ġanni Tal-Braken mill-Fgura li sa fi xjuħitu baqa' jagħmel mudelli sbieħ tal-braken u kien baqagħlu memorja tajba. Il-barkun kien hemm għall-tagħbijiet kbar, faħam, provizjon tal-ikel, kwantitajiet kbar ta' njam u ta' btieti tal-inbid. Barkun kien bil-ponta fil-pruwa u biċ-ċappa fil-poppa. Kienu jirmunkawhom wara xi lanċa b'saħħitha jew wieħed wara l-ieħor jew tnejn jew tlieta flimkien. Kull tagħbija kienet titħalla fuq il-gverta biss u xejn taħtha biex jevitaw is-serq. Fil-bini ta' barkun, li laħaq kien ikun iċċertifikat li jiflaħ 100 tunnellata, kien jidħol xogħol



**Luzzu tal-Gadraj**



**L-Iskiff**



**Il-Wejla**

[10] Societa riuniti di Lancie e Pontoni, Lambert Brothers, Portelli Brothers, Livio Bianco, Messrs Bianchi and Co., The Malta Tug and Lighters sercvice Ltd of Marsa kienu kollha kumpaniji li jhaddmu l-braken; ara wkoll NAR Occ, 21-2-1925, 172; NAR Com, 31-12-1904, 146, 195; NAR RBs, 159, 163, 165.

goff u b'saħħtu ħafna. Kellu l-gobbu fil-pruwa biex jirmunkawh bih, taħt it-travi tal-gverta kien hemm il-biċċerija u fuq il-majjieri kien hemm il-permizzan biex iżid is-saħħa tal-prim. Il-varingli mal-murati tal-barkun kienu jżidu s-saħħa tal-ġnub. Barra dan il-barkun bil-ponta fil-pruwa u ċappa mal-poppa kien hemm wieħed li kellu l-ponta poppa u pruwa.

**Il-barkun ċisterna** kien hemm biex ifomi l-bastimenti l-iżjed tal-passiġġieri, bl-ilma tajjeb għax-xorb. Ġieli kien hemm minnhom li kienu jieħdu piż ta' 30 tunnellata jew iżjed ilma. Fuq il-gverta kien armat bil-pompa tal-għaddasa biex ikun jista' jippompja l-ilma abbord. Kien hemm regolamenti iebsin dwar l-iġjene biex ikunu żguri li l-ilma ma jkunx imniġġes b'xi ilma baħar. Dawn il-braken ċisterna għebu mill-Port il-Kbir meta bdew jinbnew il-mollijiet għall-bastimenti l-kbar.

Biex forsi dil-kitba ma titwalx iżjed milli meħtieġ insemmu ħafif ħafif xi opri tal-baħar oħra li m'għadhom jidhru fl-ebda parti tal-Port il-Kbir. Kien hemm **iċ-ċattra** tal-ħadid li fuqha kienu jgħabbu tagħbijiet kbar ħafna u jirmunkawha fejn meħtieġ. **Id-dgħajsa tas-saborra** kienet hemm biex tgħabbi jew tneħħi minn fuq abbord il-bastimenti tal-qlugħ dak il-materjal li jkun fl-istiva u jservi ta' saborra. Din spiċċat hekk kif spiċċaw l-imriekeb tal-qlugħ mal-bidu tas-seklu għoxrin. **Id-dgħajsa tal-irmied** kienet hemm biex fiha jgħabbu l-irmied tal-vapuri li jkun hemm wara li jintuża l-faħam. Din id-dgħajsa spiċċat ukoll hekk kif beda jintuża d-*diesel* minflok il-faħam. **Il-kenura** jew *canoe* kienet għamla ta' dgħajsa tal-passatemp u waħda antika li tinsab fil-Mużew Marittimu ta' Malta turi binja b'teknika tradizzjonali Maltija. Mhux ta' min iħalli barra xi esperimenti li saru li juru xogħol Malti iżda ippastardjat għax ma tistax issibhom b'xi nomenklatura li semmejna.

Id-dgħajjes tar-Regatta jinqatgħu fi klassi għalihom. Fil-bidu d-dgħajjes li kienu jieħdu sehem kienu l-istess dawk tax-xogħol bħal ngħidu aħna d-dgħajsa tal-pass, il-ferilla, il-kajjikk u l-frejgatina. Biż-żmien bdew jibnu



**Ix-Xieru**



**Id-Dingi**



**Barkazza tat-Tunnara**

d-dgħajjes apposta għat-tiġrija tar-Regatta tassew ħfief. B'xorti tajba dawn id-dgħajjes għadhom jinbnew għat-tiġrija għalhekk is-sengħa tal-bini tagħhom għadha b'xi mod ħajja. Għamlu żmien jieħdu sehem fir-Regatta l-klabbs tal-Birgu, Bormla, L-Isla, Kalkara, Marsamxett, Birżebbuġa u Għawdex; għalhekk kien hemm għadd ġmielu ta' dgħajjes. Illum għadhom jieħdu sehem id-dgħajsa b'żewġ qaddiefa u oħra b'erbgħa; kien hemm ukoll dik tal-Midalji u barra minn dawn hemm ukoll il-kajjikki u l-frejgatini. Trid tara b'għajnejk x'finezza ta' xogħol ikun fihom. Fil-gazzetta tal-Gvern jidhru l-qisien u l-ħxuniet ta' njam li jrid jintuża. Ftit jafu li meta dgħajsa tal-Midalji tieħu l-ewwel il-kumitati l-oħra għandhom id-dritt li jitolbu li d-dgħajsa rebbieħa tintiżen biex ikunu ċerti li l-ħxuniet tal-injam fil-bini tagħha jkun skont ir-regolamenti.[11]

Meta toqgħod tqis, minn dawn il-bċejjeċ tradizzjonali Maltin illum baqa' biss ftit dgħajjes tal-pass, xi ftit luzzijiet u kajjikki 'l hawn u 'l hinn, nofs tużżana ferilli u xi frejgatini. Illum saru jqumu ħafna flus biex tibnihom, u dieħla l-idea li l-*fibreglass* hu orħos u fih inqas xogħol ta' manutenzjoni. S'issa għadna ma wasalniex f'qagħda allarmanti bħal fi bnadi oħra tal-Mediterran iżda tkun tassew ħasra jekk jintilfu għal kollox id-dgħajjes tradizzjonali Maltin. Kullħadd jgħid li mhemmx bħal luzzu tal-injam li tħossu taħtek sod fl-ilma u forsi nergħu napprezzaw id-dgħajsa tal-injam. It-tajjeb trid tħallas għalih! Innutajt b'sodisfazzjon li fil-Kottonera minn fejn ħarġu bosta mgħallmin tad-dgħajjes ċerti anzjani u m'humiex qed jagħtuha għax-xogħol ta' mudelli ta' bċejjeċ Maltin bħad-dgħajsa tal-pass u oħrajn u qed tassew jagħmlu mudelli mill-isbaħ. L-imgħallmin tad-dgħajjes tar-Regatta li huma waħdiet qed jagħmlu xogħol imprezzabbli u j'Alla jkun hemm oħrajn li jagħmlu bħalhom. F'Marsaxlokk forsi jista' wieħed jara l-ikbar ġabra ta' dgħajjes tas-sajd u kien hemm




**Barkun biċ-ċappa**



**Ċisterna tal-ilma**




**Dgħajsa tal-Bdot (jew Pilot)**

żmien meta ġieli kien hemm minn 600 sa 800 waħda. Illum dan in-numru naqas billi ħafna mix-Xlokkajri qed jagħtuha għax-xogħol tat-turisti u mhux iżjed għas-sajd.

Ix-xogħol ta' dgħajjes tradizzjonali Maltin żviluppa hawn matul s-snin u l-Malti dejjem ħa l-ideat minn dawk li kienu jaħkmu l-gżira. Ukoll meta bdew jimitaw qxur barranin il-Malti daħħal is-sistema Maltija - hekk kont tara l-wejla iżda bil-binja lokali, u l-istess ngħidu għall-gigg, l-iskiff, id-dingi u oħrajn. L-imgħallem ħa mit-teknoloġija li kienu jħaddmu l-kavallieri u l-Ingliżi u għamilha tiegħu. Mgħallem Malti forsi ma kienx juża ħxuna ta' njam, imħabba raġunijiet ta' ekonomija, meta mqabbel ma' xogħol barrani iżda l-ingustar, il-minċotti u nsomma x-xogħol eżatt u l-irfinir tiegħu baqa' apprezzat matul iż-żmien.

**© Joseph Muscat**

[11] Għal tagħrif fit-tul dwar ir-Regatta ara Serracino, J: *L-Istorja tat-Tigrija tal-Vitorja,* Malta 1983-1988, 4 volumi.